**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 4 ta' Dicembru 2019

Rikors Numru: 245/19 AL

**AB**

Vs

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet żżewġu nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) fil-Paroċċa ta' San Bartilmew, Gharghur, Malta (ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tifel bl-isem E illi llum għandu sbatax-il (17) sena u kif ukoll tifla bl-isem F illi illum għandha ħmistax-il (15)

sena (ċertifikati tat-twelid rispettivament hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B u Dok C);

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati għal tlett (3) snin, u dan skond kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri datat id-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D);
4. Illi qabel ma daħlu fil-kuntratt pubbliku su-riferit il-konjugi Jacobsen kienu ilhom de facto separati mit-tnejn (2) ta' Diċembru 2012, mil-liema data ma baqgħux jgħixu fl-istess residenza;
5. Illi l-esponent dejjem ħallas u hekk għadu jħallas b' mod regolari u fl-intier tiegħu dak il-manteniment minnu dovut għat-tfal minuri Alexander u Anna, u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fuq indikat;
6. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;
7. Illi għar-raġunijiet fuq premessi r-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 ta' Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m' għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi hekk irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

Illi kunjom l-esponenti huwa Miller għaliex b'seħħ tal-kuntratt ta' separazzjoni tad-19 ta' Ġunju 2015, hijha rrivertit għal kunjomha xebba u din ir-riverzjoni ġiet debitament notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Dan jirrizulta wkoll mill-Atti prezentati mill-attur. Illi għalhekk hemm lok għall-korrezzjoni fl-atti preżentati mir-rikorrenti.

Illi l-esponenti ma topponix għat-talba magħmula mir-rikorrent żewġha għal ħall taż-żwieġ tagħhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi maħsuba fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrent fit-talba promotur tiegħu.

Illi l-esponenti m'għandhiex pero` tbati l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri peress illi t-talba odjerna ġiet promossa mir-rikorrent u għandha tiġi mħallsa minnu.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Lulju, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Gunju, 2015 u kienu ilhom *de* facto separati mit-2 ta' Diċembru 2012,

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.